MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 2543/1998/1

**Joseph Zammit f'ismu proprju u f'isem is-socjeta` FloatGlass Company Limited**

**vs**

**Malvoren Company Limited**
**U**
**Mario Vella u Rosaria sive Lucy Vella u Rueben Vella**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq premessi datata l-4 ta' Dicembru, 1998, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi bl-iskrittura privata datata l-14 ta' Gunju, 1997, il-konvenuti fuq indikati kkoncedew lis-socjeta` attrici s-sullokazzjoni tal-fond *Economical Qormi*

*Dispensary* f'117, Triq San Bastjan, Hal-Qormi, bil-kondizzjonijiet hemm stipulati;

2. Illi ghall-imsemmija sullokazzjoni, s-socjeta` attrici kellha thallas lill-konvenuti s-somma ta' mitt elf Lira Maltin, (LM100,000.00);

3. Illi mal-imsemmija skrittura privata giet annessa skrittura ohra datata s-27 t'Awwissu, 1996, fejn fiha l-awtur tal-konvenuti jikkoncedi b'titolu ta' sullokazzjoni l-imsemmija *Economical Qormi Dispensary* lill-konvenut Rueben Vella u lis-socjeta` *Malvoren Company Limited*;

4. Illi s-socjeta` attrici lahqet hallset lill-konvenuti s-somma ta' erbghin elf Lira Maltin, (Lm40,000.00), mill-ammont miftiehem fuq riferit;

5. Illi f'Ottubru, 1998, is-socjeta` attrici saret taf li hemm kwistjoni l-qorti fil-Bord li Jirregola l-Kera bejn is-sid tal-bini tal-ispizerija fuq riferita – certa Inez Brincat u Mario Debono – fil-kawza fl-ismijiet Inez Brincat vs Mario Debono, rikors numru 146/B95, fejn ir-rikorrenti qed titlob l-izgumbrament tal-intimat fejn anke rapprezentant tas-socjeta` attrici fil-kawza odjerna kien ta x-xhieda tieghu;

6. Illi Mario Vella kien ottjena s-sullokazzjoni tal-ispizerija in dizamina permezz ta' skrittura datata t-30 ta' Gunju, 1995, fejn hemm stipulat li Mario Debono u Mario Vella setghu:

" … jinhallu minn dana l-ftehim billi jibghatu avviz ta' xoljiment sitt xhur qabel lil xulxin u dan isir qabel it-30 ta' Gunju ta' kull sena";

7. Illi l-konvenuti fuq indikati kienu jafu b'dawn il-kondizzjonijiet u anke li kien hemm l-imsemmija procedura quddiem il-Bord *de quo*, u minkejja dan, ma nfurmawx lis-socjeta` attrici;

8. Illi l-ftehim ta' sullokazzjoni bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti qatt ma' seta' jsir minghajr ma' s-

socjeta` attrici tkun taf bih, u stante li l-imsemmi Mario Debono seta' jittermina s-sullokazzjoni kif fuq espost, il-fatt li s-socjeta` attrici giet interpellata b'ittra legali fl-20 t'Ottubru, 1998, fejn kienet infurmata li Mario Debono u l-konvenuti l-ohra kienu qed ixolju l-ftehim pattwit bejniethom, ghalhekk is-socjeta` attrici kellha sal-31 ta' Dicembru, 1998, biex tohrog mill-ispizerija *de quo;*

9. Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx dritt jesigu l-hlas tar-rimanenti sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00), u ghandhom jirrifondu l-erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00), gia` lilhom imhallsa;

10. Illi mill-iskrittura tat-30 ta' Gunju, 1995, bejn Mario Debono u Mario Vella jirrizulta li l-konvenut awtur qatt ma' kellu dritt jissulloka l-ispizerija *de quo* lis-socjeta` attrici u ghalhekk l-iskrittura tal-14 ta' Gunju, 1997, fuq riferita bejn il-kontendenti hi nulla u minghajr effett minhabba kemm zball ta' fatt, kif ukoll minhabba frodi mill-konvenuti;

11. Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li l-konvenuti ma setghux jikkoncedu b'sullokazzjoni lis-socjeta` attrici l-fond kummercjali *Economical Qormi Dispensary* ta' 117, Triq San Bastjan, Hal-Qormi, u dan, minhabba fin-natura tal-pattijiet fl-iskrittura ta' bejn il-konvenut Mario Vella u Mario Debono datata t-30 ta' Gunju, 1995;

ii. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu jafu li l-fond *de quo* ma setax jigi sullokat u li dwar l-imsemmi fond kien hemm proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, rikors numru 146/B95 ghar-ragunijiet hemm indikati;

iii. Tillikwida d-danni fuq imsemmija, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-22 t'April, 1999, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti Mario Vella, Rosaria sive Lucy Vella u Rueben Vella m’ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici billi l-iskrittura ta’ sullokazzjoni *de quo* saret bejn is-socjeta` attrici *FloatGlass Company Limited* u s-socjeta` konvenuta *Malvoren Company Limited*, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenuti Vella ndikati fil-paragrafu precedenti qatt ma setghu jikkommettu frodi kontra l-atturi billi fl-iskrittura ta’ sullokazzjoni datata l-14 ta’ Gunju, 1997 hemm dikajrat li l-attur Joseph Zammit jaf u jaghti l-kunsens tieghu ghall-iskritturi tat-30 ta’ Gunju, 1995, u tas-27 t’Awwissu, 1996, u konsegwentment il-konvenuti Vella ma jistghux ikunu personalment responsabbli u ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservana tal-gudizzju;

3. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenuta Rosaria sive Lucy Vella mart Mario Vella, m’ghandhiex relazzjoni guridika mal-atturi u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenut Rueben Vella m’ghandux relazzjoni guridika mal-atturi ghaliex qatt ma kkomunika maghhom, u b’hekk ghandu wkoll jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi di piu`, jinghad ukoll preliminarjament li l-procedura odjerna hi ntempestiva billi r-rikors pendenti fil-Bord li Jirregola l-Kera fuq gia` riferit ghadu pendenti u konsegwentement, l-imsemmija Inez Brincat ghadha ma rriprendietx il-pussess tal-imsemmi fond;

6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt billi hadd mill-konvenuti ma kkommetta frodi fil-konfront tal-atturi;

Rat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Rat l-affidavitijiet prodotti;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors tal-konvenuta Rosaria sive Lucy Vella tat-13 ta' Jannar, 2009, fejn talbet li tkun awtorizzata tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, laqghet l-imsemmija talba;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fuq indikata datata l-5 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha Rosaria sive Lucy Vella eccepiet is-segwenti:

1. Illi hi ma kinitx partecipi fl-agir illegali allegat;

2. Illi llum hi separata minn zewgha l-konvenut Mario Vella;

3. Illi hi gurisprudenza kostanti li l-komunjoni tal-akkwisti ma tirrispondix ghall-hsarat derivanti minn reati kriminali kkagunati bir-rieda ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg;

4. Illi ghalhekk il-konvenuta odjerna mhix il-legittimu kontradittur, u konsegwentement, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Rat in-nota attrici datata l-5 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha esebiet kopja nformali ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Vella, datata d-19 ta' Jannar, 2012;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Tissottolinea li ghalkemm kif jidher mid-digriet taghha datat il-5 ta' Lulju, 2012, il-partijiet kollha nghataw l-opportunita' jissottomettu n-nota t'osservazzjonijiet taghhom, kien biss il-konvenut indikat fil-paragrafu precedenti li ghogbu jissottometti tali dokument;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici kienet issullokat l-ispizerija in dizamina minghand il-konvenut Mario Vella;

2. Illi konness mal-imsemmija sullokazzjoni s-socjeta` attrici hallset erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00), lis-socjeta` konvenuta, u skont l-istess skrittura *de quo*, kien ghad baqghalha thallasha bilanc ta' sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00), ohra;

3. Illi wara perjodu ta' zmien tiggestixxi l-ispizerija *de quo*, s-socjeta` attrici giet mitluba tizgombra l-istess spizerija, u dan, a bazi ta' sentenza appozita;

4. Illi f'Ottubru, 1998, is-socjeta` attrici rceviet ittra legali fejn kienet infurmata li l-kirja originali mal-konvenut Mario Vella kienet giet dikjarata xolta u konsegentement intalbet biex tizgombra mill-istess spizerija;

5. Illi sussegwentment is-socjeta` attrici skopriet li l-konvenut Mario Vella kien inganna diversi partijiet fir-rigward u kien gie eventwalment misjub hati ta' diversi reati kriminali fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata d-19 ta' Jannar 2012, fl-ismijiet Pulizija (Supretendent Alexandra Mamo) vs Mario Vella, (ara fol 272 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta' dilungar inutili, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici pprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi pero`, ghandu jkun pacifiku li l-operat inkriminanti jirrizulta li hu biss dak tal-konvenut Mario Vella, kemm personalment u tramite s-socjeta` konvenuta *Malvoren Company Limited*, fejn ghalhekk il-konvenuti Rosaria sive Lucy Vella u Rueben Vella jirrizulta li kienu ghal kollox

estranei mill-mekkanizzazzjonijiet tal-konvenut Mario Vella fuq riferit;

Illi ghalhekk, tilqa' t-talbiet tal-konvenuti Rosaria sive Lucy Vella u ta' Rueben Vella, u konsegwentement tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghaldaqstant, stante li hu abbundantement assodat li l-konvenut Mario Vella ma setax jissulloka l-ispizerija de quo lill-atturi, tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Mario Vella u konsegwentement takkolji t-talbiet attrici limitatament bil-mod segwenti u ghalhekk:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta *Malvoren Company Limited* u l-konvenut Mario Vella ma setghux jikkoncedu b'sullokazzjoni lis-socjeta` attrici l-fond kummercjali in dizamina;

2. Tiddikjara li l-konvenut Mario Vella kien jaf li l-fond *de quo* ma setax jigi sullokat u li fuqu kien hemm ukoll proceduri pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kif fuq gia` ndikat;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00);

4. Tikkundanna lill-konvenut Mario Vella biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lill-atturi fuq indikati;

5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-4 ta' Dicembru, 1998, kontra l-istess konvenut Mario Vella.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------